________________________________

Prim Ministru

________________________________

Ministru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima

________________________________

Chairperson, Awtorità Għall-Ambjent u r-Riżorsi

A.L. XX tal-2018

**ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT**

**(KAP. 549)**

**Regolamenti tal-2018 dwar il-Ħarsien tas-Siġar u L-Imsaġar**

Bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 54 u 55 tal-Att tal-2016 dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, il-Ministru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u t-Tibdil fil-Klima, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, għamel ir-Regolamenti li ġejjin:

**Titolu**

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2018 dwar il-Ħarsien tas-Siġar u L-Imsaġar.

2. (2) Regolament 20 ta' dawn ir-regolamenti għandu jidħol fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-Ambjent jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi.

**Skop**
**S.L.549.64**

2. (1) L-għan ta' dawn ir-regolamenti huwa il-ħarsien tas-siġar u l-imsaġar fl-gżejjer Maltin, is-salvagwardja tagħhom, u l-irregolar ta' attivitajiet li jista' jkollhom effett fuqhom.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom iħassru u jissostitwixxu r-Regolamenti tal-2011 dwar il-Ħarsien tas-Siġar u l-Imsaġar. Minkejja dan, kwalunkwe Żona għall-Ħarsien tas-Siġar iddikjarata taħt ir-Regolamenti tal-2011 dwar il-Ħarsien tas-Siġar u l-Imsaġar għandha tibqa' fis-seħħ u jkollha l-istess effett daqs li kieku saret taħt ir-regolament 7 ta' dawn ir-regolamenti.

## L-EWWEL PARTI: INTERPRETAZZJONI U AMMINISTRAZZJONI

**Tifsiriet**

3. (1) F'dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

**Kap.552**

"area ta' konservazzjoni urbana" jew "UCA" tfisser ċentru storiku (qalba tar-raħal jew belt) kif indikata fi pjan regolatur jew pjan lokali jew f'*policies* tal-ippjanar oħrajn approvati;

"art agrikola" tfisser art li tinħadem li hija użata b'mod leġittimu għall-kultivazzjoni, u teskludi kull art li ma tinħadimx jew siġar selvaġġi anki jekk jinsabu fil-konfini ta' impriża agrikola;

**Kap. 549**

"l-Att" tfisser l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent;"

"l-Awtorità" jew "l-awtorità kompetenti" tfisser l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi kif definita fl-artikolu 6 tal-Att;

"awtorità li tilliċenzja" tfisser l-Awtorità jew kwalunkwe persuna ddelegata jew ikkummissjonata mill-Awtorità biex legalment taġixxi f'isimha;

**Kap.552**

"barra miż-żona ta' żvilupp" jew "ODŻ" tfisser art barra mill-fruntiera tal-iżvilupp fi skema tal-ippjanar jew pjan lokali;

"bidwi reġistrat" tfisser bidwi reġistrat mad-Dipartiment tal-Agrikoltura;

"direttur" tfisser id-direttur responsabbli għall-protezzjoni tal-ambjent fi ħdan l-Awtorità jew kull persuna delegata jew ikkummisjonata minnu jew li legalment taġixxi f'ismu;

**Kap. 433**

"direttur responsabbli għas-saħħa tal-pjanti" tfisser id-direttur kif definit fl-Att dwar il-Kwarantina tal-Pjanti jew kull persuna delegata jew ikkummisjonata minnu jew li legalment taġixxi f'ismu;

"fergħat primarji" tfisser fergħat li joħorġu miz-zokk jew zkuk prinċipali tas-siġra;

"fergħat sekondarji" tfisser fergħat li joħorġu mill-fergħat primarji tas-siġra;

"intervent kirurġiku" tfisser kull trattament meħtieġ biex issalva jew tgħin siġra minn mard, ħsara mekkanika, jew kollass strutturali, kif ukoll kwalunkwe trattament li jipprevjeni d-deterjorament ulterjuri ta' siġra li diġà ġratilha l-ħsara;

"masġar" tinkludi komunitajiet ta' veġetazzjoni naturali jew semi-naturali kkaratterizzati minn siġar, li jinkludu foresti u boskijiet naturali jew fdalijiet tagħhom, imsaġar semi-naturali, makkji ewlenin jew sekondarji, makkji tax-xtut, kif ukoll imsaġar riparji u fl-irdum;

**Kap. 356**

"ordni għall-preservazzjoni tas-siġar" tfisser kwalunkwe siġra skedata permezz ta' avviż fil-Gazzetta tal-Gvern maħruġa skont id-dispożizzjonijiet tal-Att tal-1992 dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp;

“permess” ifisser awtorizzazzjoni biex jitwettaq intervent speċifiku, u ma jinkludix xi liċenzja jew reġistrazzjoni maħruġa skont regolament 20;

“persuna” tfisser kull persuna, sew naturali jew lwgali, koporata jew inkorporata, u tinkludi kull persuna li taġixxi f’isimha jew taħt l-istruzzjonijiet ta’ kwalunkwe persuna oħra;

“qrib kwalunkwe siġra” tfisser kwalunkwe żona f’distanza ta’ ħames metri ’l bogħod miċ-ċirkonferenza tal-kanupew tas-siġra jew distanza ta’ għaxar metri ’l bogħod miz-zokk tas-siġra, skont liema jkun l-akbar;

“Reġistru” tfisser ir-Reġistru ta’ persuni reġistrati bħala Speċjalisti dwar is-Siġar debitament awtorizzati biex iwettqu interventi fis-siġar;

"siġar imkabbra b’mod ortikulturali" tfisser siġar imħawla li tkabbru b’mod ortikulturali u f’ambjenti artifiċjali bħal art agrikola, ġonna privati, ġnub ta’ toroq u żoni pavimentati, u teskludi siġar ġo żoni protetti jew f’arei barra miż-żoni ta l-iżvilupp li jikbru fl-ambjent naturali tagħhom, sew jekk imħawwla oriġinarjament sew jekk le;

“siġar selvaġġi” tfisser siġar li mhumiex imkabbra ortikulturalment;

“siġra” tfisser pjanti perenni, kemm ħajja jew mejta, li fl-istadju matur tagħha jkollha zokk ewlieni jew zkuk u fergħat tal-injam;

“siġra protetta” tfisser siġra imniżżla taħt Skeda I;

“sit” jinkludi proprjetà waħda jew iktar minn proprjetà waħda, irrispettivament minn min hu s-sid;

“spazju miftuħ pubbliku u urban” tinkludi toroq, bankini, pjazez, ġonna pubbliċi, *parks*, ċimiterji, *roundabouts*, *central strips* u *traffic islands* oħra, u żoni anċillari li huma *landscaped*;

“speċi” tfisser siġra jew parti mis-siġra;

“Speċjalista dwar is-Siġar liċenzjat” għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha f’regolament 20;

“tħawwil kumpensatorju” tfisser it-tħawwil jew provvista ta’ siġra jew iktar, bħala sostitut jew kumpens għal siġar oħrajn li ġew, jew li se jkunu maqlugħa, mwaqqa’, li saritilhom ħsara jew li ġew mneħħija;

“tneħħi l-qoxra taz-zokk” tinkludi t-tqaxxir tal-qoxra taz-zokk jew parti minnu, kif ukoll l-irringjar tal-qoxra taz-zokk jew *girdling*;

“velenu” tfisser kwalunkwe sustanza, jew konċentrazzjoni ta’ tali sustanza, li hija ta’ ħsara għall-ispeċi u tinkludi, iżda mhux limitata għal, kwalunkwe applikazzjoni ta’ tali sustanza permezz ta’ injezzjoni, bexx, depożizzjoni jew irrigazzjoni;

“żbir” jew “żabra” tfisser il-qtugħ ta’ friegħi ewlenin, friegħi sekondarji, friegħi ġodda li għadhom kemm spuntaw u bgħula mal-bażi tas-siġar;

"Żona għall-Ħarsien tas-Siġar" għandu jkollha t-tifsira mogħtija fir-regolament 7 u tinkludi kwalunkwe Żona għall-Ħarsien tas-Siġar iddikjarata permezz tar-Regolamenti tal-2011 dwar il-Ħarsien tas-Siġar u l-Imsaġar;

**Kap. 549**
**Kap. 552**

"żona protetta" tfisser kull żona li hija legalment protetta, skedata jew imħarsa mod ieħor minħabba l-valur ekoloġiku, xjentifiku jew pajsaġġ ta' valur għoli, skont l-Att jew l-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, u kwalunkwe sit protett skont regolament 7;

"żoni ħodor, u enklavi naturali jew rurali/ħodor fiż-żona urbana (żona ta' żvilupp)" tfisser żoni li huma speċifikament imqassma f'żoni fil-Pjan Lokali rilevanti approvat, jew fi kwalunkwe skema tal-ippjanar, bħala oqsma li għandhom jibqgħu ħielsa minn żvilupp mibni, jew li għandhom ikunu salvagwardjati bħala element ta' wirt naturali, jew bħala fdalijiet tal-kampanja minkejja l-lokalità tagħhom fiż-Żona Urbana (konfini taż-żona ta' żvilupp).

**Amministrazzjoni ta' dawn ir-regolamenti**

4. L-awtorità kompetenti għandha tkun responsabbli għall-amministrazzjoni, implimentazzjoni, l-assigurazzjoni tal-konformità u l-infurzar ta' dawn ir-regolamenti.

## IT-TIENI PARTI: IL-ĦARSIEN TAS-SIĠAR U L-IMSAĠAR

**Siġar u imsaġar protetti**

5. Siġar, imsaġar u siti indikati fl-Ewwel Skeda huma protetti.

**Kriterji li bihom jintgħażlu siti importanti**

6. L-awtorità għandha tħejji lista ta' siti importanti li fihom:

(a) karatteristiċi ta' komunitajiet ta' msaġar Maltin;
(b) siġar jew komunitajiet ta' msaġar li huma rari, mhedda, li jinsabu f'periklu jew li għandhom distribuzzjoni mnaqqsa jew ristretta f'Malta;
(ċ) ambjenti ta' msaġar li huma kritiċi għall-għajxien, riproduzzjoni u rkupru ta' speċi ta' flora jew fawna li jinsabu f'periklu, huma mhedda, fi stat vulnerabbli jew huma endemiċi;
(d) siġar jew komunitajiet ta' msaġar li huma ta' interess xjentifiku, ekoloġiku, estetiku, storiku, kulturali, arborikulturali, silvikulturali, aġrikolu, edukattiv jew tal-pajsaġġ;
(e) siġar priminenti li huma prominenti li huma punt ta' referenza fil-post fejn jinstabu;
L.S.445.02 (f) siġar storiċi elenkati fl-Ordni dwar Siġar Storiċi u Antiki; jew
(ġ) kollezzjoni ħajja *ex situ* ta' speċi rari, mhedda jew li jinsabu f'periklu.

Iżda l-Awtorità tista' tistabbilixxi sit importanti għal kwalunkwe speċi li jistħoqqlu protezzjoni.

Iżda wkoll f'dan ir-regolament siġar tista' tfisser speċi waħda.

**Żoni għall-Ħarsien tas-Siġar**

7. (1) Kwalunkwe sit magħżul mill-Awtorità skont il-kriterji stabbiliti f’regolament 6 jista’ jkun nominat bħala Żona għall-Ħarsien tas-Siġar.

**Implimentazzjoni**

(2) L-Awtorità għandha tippublika d-dettalji tas-sit bil-burduri mmarkati b’mod ċar fuq mappa fil-Gazzetta tal-Gvern u fuq is-sit elettroniku tal-Awtorità. Dawn iż-żoni nnominati għandhom ikunu protetti skont l-Att u għandhom ikunu soġġetti għal kwalunkwe dispożiżżjoni li l-Awtorità jidrilha xierqa.

**Immaniġġjar ta’ żoni protetti**

(3) L-Awtorità tista’ tħejji jew tiddelega t-tħejjija ta’ dokumenti li jservu bħala gwida biex tiġi assigurata l-protezzjoni effettiva u l-konservazzjoni ta’ dak is-sit.

(4) Żona protetta għandha tibqa’ mħarsa minkejja kull ċirkostanza intiża jew aċċidentali li biha żona protetta jew l-inħawi tagħha, jew siġra jew parti minnha, tkun ġiet meqruda, saritilha l-ħsara jew ġiet maqtula.

**Integrazzjoni fin-*Network* Ekoloġiku Nazzjonali**
**L.S. 549.44**

(5) Mingħajr preġudizzju għar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali, kwalunke Żona għall-Ħarsien tas-Siġar nominata għandha wkoll tifforma parti min-*Network* Ekoloġiku Nazzjonali.

**Elenku reġistrat**

8. Iż-żoni protetti stabbiliti bis-saħħa tar-regolament 7 għandhom ikunu reġistrati f’indiċi miżmum għal dak il-għan fuq is-sit elettroniku tal-Awtorità.

## IT-TIELET PARTI: SIĠAR TA’ DETRIMENT GĦALL-BIJODIVERSITÀ JEW GĦALL-AMBJENT NATURALI

**Siġar ta’ detriment**

9. (1) Is-siġar elenkati fit-Tieni Skeda huma meqjusa ta’ detriment għall-ambjent naturali.

(2) L-ebda persuna m’għandha tnissel, tiżra, tħawwel, timporta, tesporta, tittrasporta, tbiegħ, tpartat jew tagħti donazzjoni ta’ kwalunkwe speċi elenkata fit-Tieni Skeda sakemm ma tkunx awtorizzata.

**Ordnijiet ta’ tneħħija**

10. (1) L-awtorità kompetenti tista’ tordna lil kwalunkwe proprjetarju jew okkupant ta’ sit li fih xi siġra elenkata fit-Tieni Skeda biex ineħħi, jaqla’, joqtol jew jeqred kwalunkwe siġra bħal dik fi żmien stipulat, fejn fl-opinjoni tal-awtorità dan ikun jikkostitwixxi titjib għall-ambjent.

(2) L-Awtorità tista’ titlob jew toħroġ metodu tat-twettiq biex tiżgura li ordni maħruġa taħt is-subregolament (1) tiġi mwettqa bl-inqas dannu għall-bijodiversità, għal kwalunkwe bini jew struttura li jixirqilhom li jinżammu jew għall-ambjent tal-madwar.

(3) L-Awtorità tista' timplimenta l-intervent meħtieġ, parzjalment jew kollu, kif tqis l-iktar xieraq, bl-ispejjeż għall-persuna li tonqos milli tikkonforma ma' ordni maħruġa taħt is-subregolament (1).

(4) Jekk is-sid jew l-okkupant tas-sit fejn tinsab tali siġra ma jkunx magħruf, l-Awtorità tista' tippublika l-ordni fil-Gazzetta tal-Gvern u tista' timplimenta l-intervent meħtieġ bi spejjeż tagħha wara disgħin (90) jum mill-pubblikazzjoni tal-ordni mingħajr preġudizzju għad-dritt tagħha li tiġbor lura kwalunkwe spejjeż dovuti skont is-subregolament (3) ladarba l-persuna tiġi identifikata.
Iżda, f'każijiet li jeħtieġu azzjoni immedjata, l-Awtorità tista' timplimenta parti minn jew l-intervent sħiħ meħtieġ, skont kif tqis xieraq, mingħajr preġudizzju għad-dritt tagħha li tirkupra kwalunkwe spejjeż li jkunu saru ladarba dik il-persuna tiġi identifikata.

**Programmi ta' eradikazzjoni, kontroll u rilokazzjoni**

11. (1) L-Awtorità tista' timplimenta, tiffinanzja jew tikkummissjona proġetti jew programmi fuq livell nazzjonali jew fuq livell lokali għall-eradikazzjoni, kontroll, tneħħija jew rilokazzjoni ta':

(a) speċi waħda jew iżjed elenkati fit-Tieni Skeda; jew

(b) kwalunkwe siġra oħra li tkun qiegħda taffetwa ħażin l-ambjent tal-madwar.

(2) L-Awtorità tista' wkoll tfittex jew teħtieġ il-parteċipazzjoni jew il-kollaborazzjoni ta' persuni jew istituzzjonijiet oħra kif jidrilha raġonevoli jew meħtieġa biex tilħaq dan l-għan. Dawn il-proġetti u programmi għandhom jikkunsidraw il-konsiderazzjonijiet ambjentali pertinenti għas-sit in kwistjoni, u jistgħu jinkludu miżuri addizzjonali għall-prevenzjoni, rimedjazzjoni, mitigazzjoni jew trażżin tal-effetti ambjentali avversi assoċjati ma' siġar bħal dawn.

**Twaqqif jew restrizzjoni ta' trasport, importazzjoni, pussess, rimi jew disponiment ta' siġar**

(3) Mingħajr preġudizzju għas-setgħat u l-obbligi mogħtija lid-Direttur responsabbli għas-Saħħa tal-Pjanti, l-Awtorità tista' twaqqaf jew tirrestrinġi t-trasport, l-importazzjoni, il-pussess, ir-rimi jew id-disponiment ta' siġar li fl-opinjoni tagħha jistgħu jipperikolaw id-diversità bioloġika ta' siġar jew imsaġar f'Malta, jew li jistgħu ikunu b'xi mod ta' detriment għall-ambjent.

12. Id-dispożizzjonijiet tat-Tielet Parti għandhom ikunu applikabbli għas-siġar elenkati fit-Tieni Skeda f'kull stadju tagħhom.

## IR-RABA' PARTI: REGOLAMENT TAL-ATTIVITAJIET

13. Ebda persuna ma tista' twettaq jew tippermetti li titwettaq xi attività li fl-opinjoni tal-Awtorità tista' tkun ta' ħsara għal kwalunkwe speċi elenkat fl-Ewwel Skeda.

**Interventi pprojbiti**

14. Ebda persuna ma tista', ħlief bil-permess minn qabel tal-Awtorità, twaqqa', taqta', tneħħi l-qoxra taz-zokk tas-siġra jew il-weraq tagħha, taqla', tneħħi l-injam minn, tiżbor iżżejjed,

tivvelena, taħraq, timmutila, tiddistabilizza jew tagħmel ħsara sinifikanti, lil kwalunkwe siġra jew parti minnha jekk hija waħda mill-ispeċi elenkati fl-Ewwel Skeda.

**Eċċezzjonijiet**

15. (1) Id-dispożizzjonijiet tar-regolament 14 m'għandhomx japplikaw għal żbir ta' siġar imkabbra b'mod ortikulturali bl-iskop li:

(a) tingħata l-ħajja lil siġar li huma morda jew saritilhom xi ħsara, jew biex titnaqqas id-deterjorazzjoni ulterjuri tagħhom jew biex ittejjeb is-saħħa tagħhom;

(b) tippreserva s-saħħa tagħhom, issaħħaħhom, tneħħi l-bgħula, għat-tilqim, biex itejbu l-produttività tal-frott tagħhom jew biex jevitaw il-probabbilità ta' ħsara għall-persuni jew għall-proprjetà; jew

(ċ) jiġi kkontrollat il-kobor tas-siġra biex jiġi evitat id-dħul ta' ġrieden jew firien ġo bini. Iżda kwalunkwe fergħa jew fergħa ġdida li għadha kemm spuntat ma tridx tkun iżjed 'il bogħod minn metru u nofs (1.5m) minn dak il-bini u sakemm ukoll tali żbir ma jeffetwax iz-zokk prinċipali tas-siġra.

Sakemm l-azzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prattika, fiż-żmien xieraq tas-sena u dment li jittieħdu l-miżuri u l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa biex jitnaqqsu l-effetti negattivi.

Sakemm ukoll dak l-intervent ma jimmutilax, ma jiddiformax, ma jiddistabilizzax, ma joqtolx, ma jdgħajjifx jew b'xi mod ieħor jaffetwa lis-siġra b'mod sinifikanti.

L.S.445.02 (2) Id-dispożizzjonijiet tas-subregolament (1) ma japplikawx għal siġar elenkati fit-Tabella 1 tat-Taqsima A tal-Ewwel Skeda u għal siġar elenkati fl-Ordni dwar Siġar Storiċi u Antiki.

(3) F'każ ta' dubju, nuqqas ta' qbil, talba jew kontestazzjoni dwar jekk azzjoni tissodisfax il-kriterji jew ir-rekwiżiti tas-subregolament (1), l-oneru tal-prova huwa fuq il-persuna jew l-entità li twettaq jew li bi ħsiebha twettaq l-azzjoni.

(4) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subregolamenti (1), (2) u (3), jekk l-Awtorità tkun tal-fehma li x-xogħlijiet jista' jkollhom impatti ambjentali mhux raġonevoli, li ma jistgħux jiġu evitati jew li huma inaċċettabbli, jew ikollha dubji raġonevoli dwar jekk il-kriterji mniżżla fis-subregolament (1) humiex sodisfattti, l-Awtorità xorta tista' tintervjeni biex:

(a) tipprevjeni, tirrestrinġi jew twaqqaf ix-xogħlijiet;

(b) timponi limitazzjonijiet, speċifikazzjonijiet jew kundizzjonijiet kif rilevanti;

(ċ) titlob aktar informazzjoni, kjarifiki jew evidenza fuq is-sitwazzjoni;

(d) titlob kjarifiki dwar, jew temenda, l-metodoloġiji li għandhom jintużaw;

(e) teħtieġ li x-xogħlijiet jiġu sottomessi għall-awtorizzazzjoni minn qabel tal-Awtorità mingħajr preġudizzju għad-deċiżjoni eventwali tagħha;

(f) timponi kwalunkwe miżura ta' rimedju biex tipprevjeni, tillimita, ttaffi, treġġa' lura jew tikkumpensa kwalunkwe dannu kkawżat minn xogħlijiet li jkunu għaddejjin jew li jkunu diġà saru; jew

(ġ) tadotta kombinazzjoni tal-azzjonijiet elenkati hawn fuq.

(5) Id-dispożizzjonijiet tar-regolament 14 ma japplikawx għal attivitajiet relatati ma' żbir, qtugħ, twaqqiegħ, trattament u, jew qerda ta' kwalunkwe siġra li tkun infestata b'organiżmi li jikkawżaw ħsara jew bi ġrieden ta' kwarantina kif elenkati fl-Ewwel Skeda u fit-Tieni Skeda tar-Regolamenti dwar Kwarantina tal-Pjanti (Organiżmi li jagħmlu l-ħsara), wara li tinġieb approvazzjoni bil-miktub mid-Direttur responsabbli għas-saħħa tal-pjanti:

L.S.433.03

Sakemm is-siġra mhijiex elenkata fit-Tabella 1 tat-Taqsima A tal-Ewwel Skeda.

**Sustanzi perikolużi, ta' ħsara jew splussivi**

16. (1) Ebda persuna ma tista' tarmi, titfa', tferra', tpoġġi, tidfen fl-art jew tiddepożita:

(a) kwalunkwe bijoċida, defoljant, aċtu, alkali, ilma mielaħ, jew kwalunkwe velenu jew kimika li hija korrużiva jew li twaqqaf it-tkabbir;

(b) kwalunkwe *tyre*, lakstu jew *polystyrene*;

(ċ) kwalunkwe karburant, jew materjal kombustibbli jew li jisplodi; jew

(d) skart jew żibel ieħor, terrapien jew rimi ieħor,

qrib kwalunkwe siġra protetta jew kwalunkwe żona protetta:

Iżda l-Awtorità tista' tawtorizza l-użu ta' sustanzi pprojbiti f'paragrafu (a) jew xi trattament ieħor għat-tnaqqija jew għal interventi kirurġiċi li fl-opinjoni tagħha huma raġjonevolment meħtieġa.

(2) Il-projbizzjoni mniżżla fis-subregolament (1) m'għandhiex tapplika għall-użu ta' sustanzi għat-trattament ta' siġar bl-iskop li jippreservaw is-saħħa tagħhom, li jtejbu s-saħħa ġenerali tagħhom, li jtejbu l-produttività tal-frott tagħhom jew li jevitaw id-deterjorament tagħhom:

Iżda l-Awtorità tista' tipprojbixxi dak l-użu, irrigazzjoni jew trattament jekk tkun tal-fehma li l-konservazzjoni tal-ispeċi in kwistjoni tkun f'kunflitt mal-konservazzjoni tas-siġar, l-imsaġar, l-ekosistema jew ma kwalunkwe pjan ta' ġestjoni rilevanti.

**Nirien**

17. (1) Ebda persuna m'għandha:

(a) tagħti n-nar lil kwalunkwe siġra protetta;

(b) tqabbad nirien qrib kwalunkwe siġra elenkata fl-Ewwel Skeda; jew

(ċ) tqabbad logħob tan-nar f'distanza ta' għoxrin (20) metru minn siġra elenkata fl-Ewwel Skeda.

(2) Il-projbizzjonijiet elenkati f'subregolament (1) m'għandhomx japplikaw għal:

(a) nar marbut direttament ma' jew meħtieġ għall-ġestjoni ta' żona protetta, bl-approvazzjoni minn qabel ta', jew fuq talba tal-Awtorità; jew

(b) nar ikkontrollat fil-konfini ta' residenza privata.

**Kummerċ mill-prodotti u derivati ta' attivitajiet projbiti**

**L.S.549.38**

18. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe regolamenti ambjentali, ebda persuna ma tista' tbiegħ, tagħmel kummerċ fi, jew tisfrutta kummerċjalment xi prodotti derivati minn attivitajiet projbiti minn dawn ir-regolamenti, ħlief bl-awtorizzazzjoni bil-miktub minn qabel tal-Awtorità.

**Reġistru ta' Speċjalisti dwar is-Siġar**

19. (1) L-Awtorità tista' tistabbilixxi, tippubblika, u minn żmien għal żmien taġġorna, Reġistru ta' persuni reġistrati bħala Speċjalist idwar is-siġar, minn hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "ir-Reġistru", u tista' tiddelega din il-funzjoni lil kwalunkwe entità jew kumitat pubbliku.

(2) Ebda persuna m'għandha twettaq interventi fuq:

L.S.445.02 (a) siġar ta' importanza storika jew antikwarja kif indikat fl-Odrni dwar Siġar Storiċi u Antiki;

(b) siġar protetti taħt ir-regolament 7;

(ċ) siġar protetti minn Ordni għall-Preċervazzjoni tas-Siġar; jew

(d) siġar fi spazji miftuħa pubbliċi u urbani.

sakemm ma jkollux liċenza skont dawn ir-regolamenti:

Iżda għall-interventi msemmija fil-paragrafu (b) bdiewa reġistrati jistgħu jitħallew jiżbru s-siġar fuq il-proprjetà tagħhom sakemm is-siġra ma tiġix affettwata b'mod sinifikanti b'tali interventi.

(3) Biex wieħed ikun liċenzjat bħala Speċjalista dwar is-Siġar, l-applikant għandu jkollu:

(a) ir-rekwiżiti minimi stabbiliti mill-awtorità li tilliċenzja; u

(b) rekord nadif fir-rigward ta' interventi li jaqgħu fl-ambitu ta' dawn ir-regolamenti.

(4) Applikant għal liċenzjat bħala Speċjalista dwar is-Siġar għandu japplika bil-mod stipulat mill-awtorità li tilliċenzja, u għandu jipprovdi l-informazzjoni kollha mitluba mill-awtorità li tilliċenzja flimkien mad-dritt tar-reġistrazzjoni kif stipulat fit-Tielet Skeda. L-awtorità li tilliċenzja m'għandhiex tipproċessa kwalunkwe applikazzjoni jekk din ma tkunx akkumpanjata mis-sottomissjonijiet u l-ħlasijiet meħtieġa.

(5) L-awtorità li tilliċenzja għandha tinforma lill-applikant għal liċenzjat bħala Speċjalista dwar is-Siġar bil-miktub, bid-deċiżjoni tagħha li tagħti, tagħti jew tirrifjuta, parzjalment jew proviżorjament r-reġistrazzjoni. Jekk ir-reġistrazzjoni tiġi rifjutata jew tingħata parzjalment jew provviżorjament, l-awtorità li tilliċenzja għandha tagħti raġunijiet dettaljati għad-deċiżjoni tagħha.

(6) Ir-reġistrazzjonijiet ta' liċenzjat bħala Speċjalista dwar is-Siġar maħruġa lil persuni eliġibbli għandhom ikunu validi għal sena iżda jistgħu jiġu mġedda mill-awtorità li tilliċenzja fuq il-ħlas tat-tariffa ta' tiġdid rilevanti, u meta d-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti ma jkunux ġew miksura.

(7) L-għoti ta' tali liċenzjat għandu japplika mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe obbligu legali addizzjonali li jista' jkun relevanti.

## IL-ĦAMES PARTI: PERMESSI

**Permessi**

20. (1) Kwalunkwe intervent fuq kwalunkwe siġra elenkat fl-Ewwel Skeda ta' dawn ir-regolamenti jeħtieġ permess minn qabel mill-awtorità kompetenti:

Iżda d-Direttur responsabbli mis-saħħa tal-pjanti m'għandux bżonn permess biex iwettaq interventi relatati ma' skopijiet fitosanitarji ħlief fuq speċi elenkati fl-ewwel paragrafu tal-Ewwel Skeda.

(2) Biex tiddeċiedi jekk għandiex toħroġ dawn il-permessi, l-Awtorità għandha tqis l-impatti, l-implikazzjonijiet, ir-riskji u l-benefiċċji fuq:

(a) is-siġar eżistenti jew l-imsaġar *per se*;

(b) l-ispeċi, l-ambjenti, l-ekosistemi assoċjati mas-siġar, skont kif ikun relevanti;

(ċ) l-integrità strutturali tal-bini, l-istrutturi, l-infrastruttura, jew il-karatteristiċi fiżiċi naturali li jinsabu fil-viċinanzi u li jistħoqqilhom li jinżammu;

(d) il-pajsaġġ, il-karattru ġenerali u l-karatteristiċi ambjentali tas-sit u l-madwar tiegħu;

(e) l-integrità ta' kwalunkwe żona protetta, u l-effettività kontinwa ta' kwalunkwe protezzjoni, skont kif ikun relevanti; u

(f) kwalunkwe konsiderazzjoni materjali oħra kif meqjusa rilevanti mill-Awtorità.

(3) L-Awtorità m'għandhiex tagħti permess jekk hija tal-opinjoni li l-attività mhijiex ġustifikata biżżejjed jew li l-impatti negattivi, l-implikazzjonijiet jew ir-riskji ta' l-attività jegħlbu kwalunkwe benefiċċju possibbli.

**Applikazzjoni bil-miktub**

21. (1) Persuna għandha tissottometti applikazzjoni lill-Awtorità bil-miktub minn tal-inqas tliet ġimgħat qabel it-twettiq tal-attività.

(2) L-applikazzjoni għandha:

(a) tkun akkumpanjata mid-dokumenti relevanti u kwalunkwe informazzjoni oħra meħtieġa kif speċifikat u meħtieġ mill-Awtorità, inkluż iżda mhux biss, pjan tas-sit li juri l-pożizzjonijiet tas-siġar affettwati kollha, u ritratti tas-siġar affettwati biex l-identifikazzjoni tagħhom tiġi ffaċilitata;

(b) tiddikjara jekk l-applikazzjoni taqax taħt xi wieħed mill-kriterji elenkati taħt is-subregolament (2) tar-regolament 20;

(c) tiġi sottomessa kif stipulat mill-Awtorità; u

(d) tkun akkumpanjata mid-dritt għall-permess kif stipulat fit-Tielet Skeda.

**Termini u kundizzjonijiet applikabbli**

22. (1) L-Awtorità tista' timponi kwalunkwe kundizzjonijiet li jidrilha xierqa fil-permessi.

(2) Il-perjodu ta' validità tal-permess għandu jkun indikat b'mod ċar fil-permess.

(3) F'każ li l-Awtorità tirrifjuta applikazzjoni għal permess, l-Awtorità għandha tinforma lill-applikant bir-raġunijiet għal tali rifjut.

(4) L-Awtorità tista' temenda, tvarja, tissospendi jew tirrevoka permess jew awtorizzazzjoni mogħtija taħt dawn ir-regolamenti, u tista' tordna li siġra jew sit affetwat bl-attività permessa jiġi restawrat għall-kondizzjoni li kien fiha qabel ma ingħata l-permess, dment li tagħti r-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha. F'dawn is-sitwazzjonijiet, dawn it-termini li ġejjin għandhom japplikaw:

(a) fil-każ ta' permess jew awtorizzazzjoni mogħtija fuq bażi ta' informazzjoni inkorretta, mhux kompluta, qarrieqa jew frawdolenti li tinsab fl-applikazzjoni rilevanti għal permess jew f'xi dokument ieħor ippreżentat li għandu influwenza materjali fuq id-deċiżjoni ta' permess, l-Awtorità m'għandhiex tkun responsabbli għal kwalunkwe pretensjoni għad-danni, filwaqt li l-applikant għandu jkun responsabbli għall-ispejjeż kollha tar-restawr u tar-rimedju ta' kwalunkwe ħsara u effetti negattivi li jirriżultaw mill-attività jew minn xogħolijiet imwettqa u jistgħu wkoll jiġu soġġetti għal kwalunkwe penali applikabbli; filwaqt li

(b) fil-każ ta' permess jew awtorizzazzjoni mogħtija diġà, fejn mhemmx responsabbilità jew ħtija tal-applikant, l-applikant għandu jkun intitolat għal kwalunkwe pretensjoni raġjonevoli għall-irkupru ta' spejjeż materjali u għar-rimedjazzjoni ta' kwalunkwe dannu fiżiku ikkaġunat b'konsegwenza tad-deċiżjoni tal-Awtorità.

(5) L-Awtorità tista' ma toħroġx permess jew ma ġġeddidx permess jekk l-applikant ikun naqas kwalunkwe terminu, kundizzjoni, obbligu, speċifikazzjoni approvata jew limitazzjoni ta' kwalunkwe permess, liċenzja, approvazzjoni jew awtorizzazzjoni oħra mogħtija mill-Awtorità fir-rigward ta' sit partikolari jew li jeffetwah, kemm taħt dawn ir-regolamenti u kemm taħt oħrajn.

(6) Permess mogħti taħt dawn ir-regolamenti m'għandux jeżenta lill-applikant milli jikseb ukoll il-permessi, liċenzji, approvazzjonijiet u awtorizzazzjonijiet oħra kollha li jistgħu jkunu meħtieġa bil-liġi, inkluż il-kunsens minn sidien jew minn partijiet terzi kull meta rilevanti, u permess m'għandux jitqies bħala garanzija jew ftehim favur il-ħruġ ta' kwalunkwe permess, liċenzja, approvazzjoni, kunsens, awtorizzazzjoni jew konċessjoni li hija lil hinn mill-ambitu ta' dawn ir-regolamenti, u viċe versa.

(7) Permess mogħti taħt dawn ir-regolamenti m'għandux jiġi kkunsidrat bħala approvazzjoni jew sanzjonar ta' kwalunkwe intervent ieħor li jmur lill hinn mill-iskop ta' dawn ir-regolamenti, anki fejn jidher, jew ma jidhirx, jew hu implikat f'xi dokument sottomess jew f'xi dokument approvat mehmuż mal-permess jew b'xi mod ieħor marbut miegħu.

**Miżuri preventivi, mitigatorji u ta' kumpens**

23. (1) Mingħajr preġudizzju għar-regolamenti 20, 21 u 22, l-Awtorità tista' tapplika waħda jew iżjed mill-miżuri li ġejjin, biex tevita, tnaqqas jew tikkumpensa l-impatti negattivi ta' attività jew intervent permess billi:

(a) tillimita l-attività jew l-intervent b'tali mod li s-siġar eżistenti jew l-ambjent tagħhom, jew it-tnejn, jkunu jistgħu jinżammu ħajjin *in situ* bl-inqas impatt negattiv fuqhom;

(b) tordna li jiġu mħawwla fl-istess sit;

(ċ) tordna li jiġu mħawwla f'post ieħor;

(d) tordna tħawwil kompensatorju fl-istess sit jew f'post ieħor, jew fit-tnejn li huma;

(e) tordna li tingħata kontribuzzjoni għall-Fond dwar l-Ambjent; jew

(f) tordna li jingħata kumpens permezz ta' benefiċċju ambjentali ieħor:

Iżda l-Awtorità tista' wkoll tistipula l-perjodu li fih il-miżuri għandhom jiġu implimentati għas-sodisfazzjon tagħha.

**Permessi għal studji xjentifiċi jew edukattivi**

24. (1) Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe obbligu jew kundizzjoni stipulata mill-Awtorità, id-detentur ta' permess għal studju xjentifiku jew edukattiv *bona fide* għandu jissottometti dawn li ġejjin lill-Awtorità fi żmien xahar mill-iskadenza tal-permess:

(a) rapport dettaljat tal-attivitajiet li għamel;

(b) l-għan tal-istudju, u x'tip ta' xogħol jew attivitajiet twettqu;

(ċ) il-metodoloġija użata;

(d) l-eżitu u r-riżultati miksuba in konnessjoni mal-permess; u

(e) kull dettall ieħr li jista' jintalab mill-Awtorità fil-permess.

(2) Kopja tar-riżultati ppubblikati u pubblikazzjonijiet oħra, jekk ikun hemm, li huma rilevanti għal dan il-permess għandhom jaslu għand l-Awtorità fi żmien tliet (3) xhur mid-data tal-pubblikazzjoni.

**Permessi b'urġenza**

25. Id-Direttur jista', f'każi ta' urgenza jew periklu ċar, joħroġ permess temporanju għat-twettiq ta' kwalunkwe attività regolata minn dawn ir-regolamenti, u meta jagħmel dan, jista' joħroġ direttivi, termini u kondizzjonijiet u deċiżjonijiet kif jidhirlu xierqa.

**Reġistru Pubbliku**

26. Dettalji tal-applikazzjonijiet sottomessi għal permess skont dawn ir-regolamenti, u tad-deċiżjoni meħuda, għandhom jiġu rreġistrati f'reġistru elettroniku disponibbli għall-ispezzjoni pubblika. Id-dokumenti għandhom jidentifikaw, kif rilevanti:

(a) is-sit;

(b) in-natura u l-firxa tal-proposta;

(ċ) l-applikant;

(d) id-deċiżjoni meħuda biex tapprova, tapprova parzjalment, tirrifjuta jew tinvalida l-applikazzjoni; u

(e) it-termini, il-kundizzjonijiet u l-limitazzjonijiet imposti fil-permess, jew ir-raġunijiet għar-rifjut jew l-invalidazzjoni.

**Persuna fuq il-post għandha żżomm kopja tal-permess**

27. Matul it-twettiq tal-attività jew operazzjoni permessa, kull persuna li tkun fuq is-sit in konnessjoni ma' dik l-attività jew operazzjoni għandha jkollha fil-pussess tagħha kopja tal-permess. Dan il-permess għandu jintwera fuq talba lil kull uffiċjal tal-Awtorità u lil kull uffiċjal tal-infurzar tal-liġi debitament awtorizzat. L-Awtorità tista' wkoll teħtieġ li l-permess ikun imwaħħal f'post prominenti fuq il-post, viżibbli faċilment minn, u li jinqara mill-pubbliku, jew f'xi post ieħor li jista' jiġi speċifikat b'mod raġonevoli mill-Awtorità.

## IS-SITT PARTI: KONFORMITÀ U INFURZAR

28. L-Awtorità tista' timponi multi amministrattivi fuq kwalunkwe persuna li tikser xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti jew li tonqos milli tikkonforma ma' xi direttiva jew deċiżjoni mogħtija mill-Awtorità biex tassigura konformità ma' dawn ir-regolamenti.

## IS-SEBA' PARTI: PENALI

**Penali**

29. (1) Kull persuna li, b'mod intenzjonat jew b'imprudenza, b'negligenza jew inkompetenza:

(a) tonqos li tosserva xi dispożizzjoni ta' dawn ir- regolamenti, jew xi ordni oħra leġittimament mogħtija skont xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti;

(b) tikser xi restrizzjoni, projbizzjoni, ordni jew ħtieġa imposta minn jew bis-saħħa ta' dawn ir-regolamenti, jew imposta mill-Awtorità skont dawn ir-regolamenti;

(ċ) taġixxi b'kontravenzjoni ta' xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti;

(d) tiftiehem ma', tgħin, tħajjar, tagħti parir, tħeġġeġ jew tqabbad lil xi persuna oħra biex tikser id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti jew ta' kwalunkwe restrizzjoni, ordni, projbizzjoni jew rekwiżit impost minn dawn ir-regolamenti; jew

(e) jipprova jagħmel xi waħda minn dawn indikati fil-paragrafi (a) sa (d) ta' dawn ir-regolamenti,

tkun ħatja ta' reat kontra dawn ir-regolamenti.

(2) Kull persuna li tagħmel, jew tipprova tagħmel reat kontra dawn ir-regolamenti għandha, meta tinsab ħatja, teħel il-penali kif indikati fir-Raba' Skeda ta' dawn ir-regolamenti.

**Spejjeż għar-rimedju u għall-mitigazzjoni**

(3) Il-Qorti għandha tordna wkoll lill-ħati li jħallas għal kwalunkwe dannu dirett, indirett jew konsegwenzjali kkawżat, b'mod partikolari:

(a) l-ispejjeż kollha mġarrba għar-rimedju tal-ħsara kkawżata lis-sit għas-sodisfazzjon tal-Awtorità, jew għall-istatus tal-ispeċi tas-siġar, jew għat-tnejn, kif rilevanti; u

(b) kwalunkwe spiża oħra mġarrba għal kwalunkwe miżura oħra meħtieġa biex tirrimedja d-dannu u l-ksur, jew biex ittaffi, iżżomm jew tipprevjeni impatt aktar mifrux.

**Kawżi ta' dannu**

(4) Il-Qorti għandha wkoll tordna lill-persuna misjuba ħatja tar-reat biex tneħħi l-kaġun li jkun qed jagħmel l-offiża u tneħħi dak kollu li jkun sar mingħajr permess, fi żmien stabbilit mill-Qorti biżżejjed għal dak l-iskop iżda li ma jaqbiżx tliet (3) xhur mid-data tas-sentenza. Jekk min iwettaq ir-reat jonqos milli jikkonforma ma' dik l-ordni fiż-żmien hekk iffissat, jista' jeħel multa ta' mhux iżjed minn mija u ħamsin (150) ewro, għal kull ġurnata li l-inadempjenza tkompli wara l-iskadenza ta' dak iż-żmien, kif il-Qorti tista' tistabbilixxi.

**Kap.9**

(5) Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 23 u 30 (1) tal-Kodiċi Kriminali għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal proċedimenti rigward reati kontra dawn ir-regolamenti, b'dan illi l-iskwalifika milli wieħed ikollu jew jikseb liċenza, permess, awtorizzazzjoni jew *clearance* ma għandhom f'ebda każ ikunu għal inqas minn sena.

**Dannu ikkawżat b'vetturi**

(6) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament għandu japplika ukoll f'każijiet ta' negligenza jew ħsara volontarja ikkawżata permezz ta' vettura.

## L-EWWEL SKEDA
## SIĠAR PROTETTI

### Taqsima A

**Tabella 1**

Is-siġar li ġejjin huma b’hekk mħarsa fil-lokalitajiet kollha ta’ Malta:

| SCIENTIFIC NAME | MALTESE NAME | ENGLISH NAME |
|---|---|---|
| *Anagyris foetida* | Il-Fula tal-Klieb | Bean Trefoil Tree; Mediterranean Stinkwood |
| *Arbutus unedo* | L-Imbragla | Strawberry Tree; Cane Apple |
| *Celtis australis* | Il-Buglar; iċ-Ċeltis | Nettle Tree |
| *Ephedra fragilis* | L-Efedra | Shrubby Horsetail; Joint Pine |
| *Fraxinus angustifolia* | Il-Fraxxnu; is-Siġar tal-Paċenzja | Narrow-Leaved Ash |
| *Lycium* spp., including:<br>*Lycium barbarum*<br>*Lycium europaeum*<br>*Lycium intricatum*<br>*Lycium schweinfurthii* | L-Għawseġ | Mediterranean Tea-Tree;<br>Tea-Tree; Boxthorn; Southern Boxthorn |
| *Mespilus germanica* | Fomm il-Lipp; Omm il-Epp; In-Naspli t-Tedeski | Medlar; Mediterranean Medlar |
| *Paliurus spina-christi* | Ix-Xewk tal-Kuruna; Ix-Xewk ta’ Kristu | Christ’s Thorn Tree |
| *Phillyrea latifolia* | L-Olivastru; il-Fillirja | Mock Privet; Jasmine Box |
| *Phillyrea media* | L-Olivastru; il-Fillirja | Mock Privet; Jasmine Box |
| *Pistacia* x *saportae* | Id-Deru l-Bagħal | Hybrid Mastic Tree |
| *Pistacia terebinthus* | Il-Botna; L-Iskornabekk; Is-Siġar tat-Turpentina; It- | Terebinth; Turpentine Tree |

| SCIENTIFIC NAME | MALTESE NAME | ENGLISH NAME |
|---|---|---|
| | Trementina; Is-Siġar tal-Fosdoq; it-Terebintu | |
| *Prunus mahaleb* | Iċ-Ċirasa Bagħlija; Iċ-Ċirasa s-Selvaġġa | Mahaleb Cherry |
| *Prunus spinosa* | Il-Prajn tax-Xewk | Sloe; Blackthorn |
| *Prunus* x *dasycarpa* | Iż-Żabrikott | Black Apricot |
| *Pyrus amygdaliformis* | Il-Lanġas Selvaġġ | Almond-Leaved Pear |
| *Pyrus pyraster* | Il-Lanġas Bagħal; il-Lanġas Selvaġġ | Wild Pear |
| *Pyrus syriaca* | Il-Lanġas Selvaġġ | Syrian Pear |
| *Quercus ilex* | Il-Balluta; Is-Siġar tal-Ġandar | Holm Oak; Evergreen Oak |
| *Rhamnus oleoides* | Iż-Żiju | Lesser Buckthorn; Olive-Leaved Buckthorn |
| *Rhus coriaria* | Ix-Xumakk tal-Konz | Common Sumach |
| *Salix alba* s.l. | Iż-Żafżafa; Iż-Żafżafa l-Kbira; Iż-Żafżafa l-Bajda | White Willow |
| *Salix pedicellata* | Iż-Żafżafa ż-Żgħira | Mediterranean Willow |
| *Sorbus aucuparia* | Iż-Żorba s-Selvaġġa | Rowan; Mountain Ash |
| *Sorbus domestica* | Iż-Żorba | Service Tree |
| *Spartium junceum* | Il-Ġenista s-Safra | Spanish Broom |
| *Tetraclinis articulata* | L-Għargħar | Arar tree; Sandarac Gum Tree; Mediterranean Alerce; Barbary Arbor-Vitae |
| *Ulmus canescens* [=*Ulmus minor* subsp. *canescens*] | In-Nemmiesa; Is-Siġar tan-Nemus; l-Ulmu; l-Ulmu ta' Malta | Hoary Elm; Grey-Leaved Elm |

| **SCIENTIFIC NAME** | **MALTESE NAME** | **ENGLISH NAME** |
|---|---|---|
| *Ulmus* spp., including:<br>*Ulmus americana*<br>*Ulmus laevis*<br>*Ulmus minor s.str.*<br>*Ulmus glabra*<br>*Ulmus procera* | L-Ulmu | Elm Trees |
| *Vitex agnus-castus* | L-Għadiba; Il-Virgi; Il-Bżar tal-Patrijiet; L-Għadbiera; Is-Siġar tal-Virgi | Chaste Tree; Virgin Bush. |

**Tabella 2**

L-ispeċi li ġeejin huma protetti f'żona protetti, f'ODŻ, f'żoni ħodor, u enklavi naturali jew rurali/ħodor fiż-żona urbana (żona ta' żvilupp), jew fi spazji miftuħa pubbliċi u urbani:

Iżda l-ispeċi mmarkati b'asterisk (*) huma protetti biss jekk selvaġġi.

| **SCIENTIFIC NAME** | **MALTESE NAME** | **ENGLISH NAME** |
|---|---|---|
| *Ceratonia siliqua* | Il-Ħarruba | Carob |
| *Cercis siliquastrum* | Is-Siġra ta' Ġuda; il-Ħarrub ta' Ġuda | Judas Tree; Mediterranean Redbud |
| *Chamaerops humilis* | Il-Ġummara | Dwarf Fan Palm |
| *Crataegus azarolus* | L-Għanżalor | Azarole; Crete Hawthorn |
| *Crataegus monogyna* | Iż-Żagħrun | Whithorn; Common Hawthorn |
| *Crataegus* x *ruscinonensis* | l-Għanżalor Selvaġġ | Hybrid Hawthorn |
| *Cupressus sempervirens* | Iċ-Ċipress | Italian Cypress |
| *Cydonia oblonga* | L-Isfarġel | Quince |
| *Juniperus phoenicea* | Il-Ġnibru; Il-Ġniepru; L-Għargħar | Phoenician Juniper |

| SCIENTIFIC NAME | MALTESE NAME | ENGLISH NAME |
|---|---|---|
| *Laurus nobilis* | Ir-Randa | Bay Laurel; Sweet Bay |
| *Malus domestica* s.l.* | It-Tuffieħ tal-Billudja* | Apple* |
| *Malus sylvestris** | It-Tuffieħ Selvaġġ* | Wild Apple* |
| *Morus alba* | Is-Siġar taċ-Ċawsli | White Mulberry |
| *Morus nigra* | Is-Siġar tat-Tut | Black Mulberry |
| *Myrtus communis* | Ir-Riħan | Myrtle |
| *Nerium oleander** | Id-Difla; Siġret il-Ġarab; Siġret il-Bass; Is-Siġar tal-Wirdien; l-Oleandru * | Oleander* |
| *Olea europaea* s.l. | Iż-Żebbuġa; Iż-Żejtuna | Olive |
| *Olea oleaster* | Iż-Żebbuġ Selvaġġ | Wild Olive |
| *Phoenix dactylifera* | Il-Palm tat-Tamar; In-Naħla; Is-Siġar tat-Tamar | Date Palm |
| *Pinus* spp., including *Pinus halepensis* | Iż-Żnuber; Is-Siġar tal-Prinjol; Is-Siġar ta' l-Arżnu; l-Arżnu s-Selvaġġ | Pines |
| *Pistacia lentiscus* | Id-Deru; Id-Delu | Lentisk; Mastic Tree |
| *Populus alba* | Il-Luqa; Is-Siġar taċ-Ċopp | White Poplar |
| *Prunus dulcis** | Is-Siġar tal-Lewż* | Almond* |
| *Punica granatum** | Is-Siġar tar-Rummien; Is-Siġar tal-Bullar* | Pomegranate* |
| *Rhamnus alaternus* | L-Alaternu | Mediterranean Buckthorn |
| *Sambucus ebulus* | In-Nittiena; Is-Sebuqa Selvaġġa | Dwarf Elder |
| *Sambucus nigra* | Is-Sambuka; Is-Sebuqa l-Kbira | Common Elder |
| *Tamarix* spp., including *Tamarix africana* | Il-Bruk; it-Tarfa | Tamarisks |
| *Viburnum tinus* | Il-Meruna; il-Viburnu | Laurustinus |

| SCIENTIFIC NAME | MALTESE NAME | ENGLISH NAME |
|---|---|---|
| *Ziziphus zizyphus*<br>[= *Ziziphus jujuba*] | Iż-Żinżel | Jujube |

## Taqsima B

1. Mingħajr preġudizzju għat-Tabella 1 u Tabella 2 dawn li ġejjin huma protetti:

(i) is-siġar kollha li huma viżibbli fuq ir-ritratti mill-ajru tal-1967 jew li għandhom iżjed minn ħamsin (50) sena, huma protetti jekk jinsabu f'żona protetta, f'ODŻ, f'area ta' konservazzjoni urbana (UCA) jew fi spazju miftuħ pubbliku u urban;

L.S.445.02 (ii) siġar, imsaġar u siti ta' importanza storika u antikwarja kif elenkati fl-Ordni dwar Siġar Storiċi u Antiki;

(iii) siġar, imsaġar u siti jew id-diversità bijoloġika protetta taħt ir-regolament 7, kif stipulat fl-avviż rilevanti maħruġ taħt dak ir-regolament jew kwalunkwe żona oħra protetta;

(iv) siġar, imsaġar u siti protetti b'Ordni għall-Preservazzjoni tas-Siġar jew bi pjan ta' tmexxija għal żona protetta approvat, kif stipulat f'dik l-Ordni jew Pjan.

Dment li fl-opinjoni tal-Awtorità kompetenti dawn ma jridux ikunu qegħdin jikkaġunaw ħsara jew effett avvers għall-ambjent jew għal strutturi jew karatteristiċi tal-valur tal-wirt naturali jew kulturali.

Dment ukoll illi ma jkunx speċifikat mod ieħor fl-avviż, Ordni jew Pjan rilevanti illi l-protezzjoni pprovduta fil-paragrafi (iii) u (iv) m'għandhomx japplikaw għal siġar elenkati fit-Tieni Skeda.

## IT-TIENI SKEDA

## SPEĊI INVASIVI, ALJENI JEW INKOMPATIBBLI MAL-AMBJENT

L-ispeċi elenkati hawn taħt għandhom ikunu soġġetti għad-dispożizzjonijiet tar-regolament 9, iżda siġar immarkati b’asterisk (*) għandhom ikunu soġġetti għat-termini tal-paragrafu 1(i) tal-Parti B tal-Ewwel Skeda.

| SCIENTIFIC NAME | MALTESE NAME | ENGLISH NAME |
|---|---|---|
| *Acacia cyclops* | L-Akaċja tal-Għajn | Coastal Wattle |
| *Acacia saligna*<br><br>[= *Acacia cyanophylla*] | L-Akaċja | Blue-Leaved Wattle; Blue-Leaved Acacia; Weeping Wattle |
| *Ailanthus altissima*<br><br>[= *Ailanthus glandulosa*] | Ix-Xumakk; Ix-Xumakk Falz | Tree-of-Heaven; False Sumach; Japanese Varnish Tree |
| *Casuarina* spp.* | Il-Każwarina* | Australian pine tree; Sheoak* |
| *Eucalyptus camaldulensis* *<br><br>[= *Eucalyptus rostrata*] | L-Ewkaliptus; Is-Siġra tal-Gamiem* | Red Gum; Red River Gum* |
| *Eucalyptus gomphocephala* * | L-Ewkaliptus; Is-Siġra tal-Gamiem* | Tuart* |
| *Leucaena leucocephala*<br><br>[= *Acacia leucocephala*; *Albizzia lebbek* auct. fl. Melit.] | L-Albizzja; Il-Gażżija l-Bajda | Lead Tree; White Popinac; Cow Tamarind |
| *Nicotiana glauca* | It-Tabakk tas-Swar; Is-Siġra tat-Tabakk; It-Tabakk l-Isfar | Tree Tobacco; Mustard Tree |
| *Pittosporum tobira* * | Il-Pittosporum* | Shrubby Putterlick; Japanese Mock Orange* |
| *Ricinus communis* | Ir-Riġnu; Il-Ħarwija | Castor Oil Tree |
| *Schinus terebinthifolius* | Is-Siġra tal-Bżar; Il-Bżar Falz | Brazilian Pepper |
| *Vachellia karroo*<br><br>[= *Acacia karroo*; = *Acacia horrida* auct. fl. Melit.] | Il-Gażżija tax-Xewk; Ix-Xewk ta’ Kristu; L-Akaċja tax-Xewk | Karroo Thorn; Sweet Thorn |

## It-TIELET SKEDA

## DRITTIJIET

| | |
|---|---|
| 1. Dritt biex tirreġistra għal liċenzja ta’ Speċjalista dwar is-Siġar | € 20 fis-sena |
| 2. Dritt biex iġġedded ir-reġistrazzjoni għal liċenzja ta’ Speċjalista dwar is-Siġar | €15 f’każ ta’ sottomissjoni għat-tiġdid wara li tkun skadiet id-data tar-reġistrazzjoni |
| | €10 f’każ ta’ sottomissjoni għat-tiġdid qabel tkun skadiet |
| 3. Dritt biex tapplika għal permess skont dawn ir-regolamenti | € 20 kull permess |

## IR-RABA' SKEDA

## PENALI

Kull persuna li tagħmel, jew tipprova tagħmel reat kontra dawn ir-regolamenti għandha teħel dawn il-penali, meta tinsab ħatja:

i) fil-każ tal-ewwel reat relatat ma' siġar selvaġġi elenkati fit-Tabella 1 tat-Taqsima A tal-Ewwel Skeda din il-multa għal kull speċi:

| SCIENTIFIC NAME | MALTESE NAME | ENGLISH NAME | PENALI APPLIKABBLI (€) | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Qerda totali tas-siġra | | Reat ieħor li ma jikkostitwix qerda totali | |
| | | | Min | Max | Min | Max |
| *Anagyris foetida* | Il-Fula tal-Klieb | Bean Trefoil Tree; Mediterranean Stinkwood | 10,000 | 50,000 | 5,000 | 30,000 |
| *Arbutus unedo* | L-Imbragla | Strawberry Tree; Cane Apple | 25,000 | 85,000 | 7,000 | 35,000 |
| *Celtis australis* | Il-Buglar; iċ-Ċeltis | Nettle Tree | 10,000 | 50,000 | 5,000 | 30,000 |
| *Ephedra fragilis* | L-Efedra | Shrubby Horsetail; Joint Pine | 25,000 | 85,000 | 7,000 | 35,000 |
| *Fraxinus angustifolia* | Il-Fraxxnu; is-Siġar tal-Paċenzja | Narrow-Leaved Ash | 25,000 | 85,000 | 7,000 | 35,000 |
| *Lycium* spp., including: *Lycium barbarum* *Lycium europaeum* *Lycium intricatum* | L-Għawseġ | Mediterranean Tea-Tree; Tea-Tree; Boxthorn; Southern Boxthorn | 25,000 | 85,000 | 7,000 | 35,000 |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| *Lycium schweinfurthii* | | | | | | |
| *Mespilus germanica* | Fomm il-Lipp; Omm il-Epp; In-Naspli t-Tedeski | Medlar; Mediterranean Medlar | 25,000 | 85,000 | 7,000 | 35,000 |
| *Paliurus spina-christi* | Ix-Xewk tal-Kuruna; Ix-Xewk ta' Kristu | Christ's Thorn Tree | 25,000 | 85,000 | 7,000 | 35,000 |
| *Phillyrea latifolia* | L-Olivastru; il-Fillirja | Mock Privet; Jasmine Box | 25,000 | 85,000 | 7,000 | 35,000 |
| *Phillyrea media* | L-Olivastru; il-Fillirja | Mock Privet; Jasmine Box | 25,000 | 85,000 | 7,000 | 35,000 |
| *Pistacia x saportae* | Id-Deru l-Bagħal | Hybrid Mastic Tree | 10,000 | 50,000 | 5,000 | 30,000 |
| *Pistacia terebinthus* | Il-Botna; L-Iskornabekk; Is-Siġar tat-Turpentina; It-Trementina; Is-Siġar tal-Fosdoq; it-Terebintu | Terebinth; Turpentine Tree | 10,000 | 50,000 | 5,000 | 30,000 |
| *Prunus mahaleb* | Iċ-Ċirasa Bagħlija; Iċ-Ċirasa s-Selvaġġa | Mahaleb Cherry | 25,000 | 85,000 | 7,000 | 35,000 |
| *Prunus spinosa* | Il-Prajn tax-Xewk | Sloe; Blackthorn | 25,000 | 85,000 | 7,000 | 35,000 |
| *Prunus x dasycarpa* | Iż-Żabrikott | Black Apricot | 25,000 | 85,000 | 7,000 | 35,000 |
| *Pyrus amygdaliformis* | Il-Lanġas Selvaġġ | Almond-Leaved Pear | 25,000 | 85,000 | 7,000 | 35,000 |
| *Pyrus pyraster* | Il-Lanġas Bagħal; il-Lanġas Selvaġġ | Wild Pear | 25,000 | 85,000 | 7,000 | 35,000 |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| *Pyrus syriaca* | Il-Lanġas Selvaġġ | Syrian Pear | 25,000 | 85,000 | 7,000 | 35,000 |
| *Quercus ilex* | Il-Balluta; Is-Siġar tal-Ġandar | Holm Oak; Evergreen Oak | 10,000 | 50,000 | 5,000 | 30,000 |
| *Rhamnus oleoides* | Iż-Żiju | Lesser Buckthorn; Olive-Leaved Buckthorn | 10,000 | 50,000 | 5,000 | 30,000 |
| *Rhus coriaria* | Ix-Xumakk tal-Konz | Common Sumach | 25,000 | 85,000 | 7,000 | 35,000 |
| *Salix alba* s.l. | Iż-Żafżafa; Iż-Żafżafa l-Kbira; Iż-Żafżafa l-Bajda | White Willow | 25,000 | 85,000 | 7,000 | 35,000 |
| *Salix pedicellata* | Iż-Żafżafa ż-Żgħira | Mediterranean Willow | 25,000 | 85,000 | 7,000 | 35,000 |
| *Sorbus aucuparia* | Iż-Żorba s-Selvaġġa | Rowan; Mountain Ash | 25,000 | 85,000 | 7,000 | 35,000 |
| *Sorbus domestica* | Iż-Żorba | Service Tree | 25,000 | 85,000 | 7,000 | 35,000 |
| *Spartium junceum* | Il-Ġenista s-Safra | Spanish Broom | 25,000 | 85,000 | 7,000 | 35,000 |
| *Tetraclinis articulata* | L-Għargħar | Arar tree; Sandarac Gum Tree; Mediterranean Alerce; Barbary Arbor-Vitae | 10,000 | 50,000 | 5,000 | 30,000 |
| *Ulmus canescens* *[=Ulmus minor subsp. canescens]* | In-Nemmiesa; Is-Siġar tan-Nemus; l-Ulmu; l-Ulmu ta' Malta | Hoary Elm; Grey-Leaved Elm | 25,000 | 85,000 | 7,000 | 35,000 |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| *Ulmus* spp., including:<br>*Ulmus americana*<br>*Ulmus laevis*<br>*Ulmus minor* s.str.<br>*Ulmus glabra*<br>*Ulmus procera* | L-Ulmu | Elm Trees | 10,000 | 50,000 | 5,000 | 30,000 |
| *Vitex agnus-castus* | L-Għadiba; Il-Virgi; Il-Bżar tal-Patrijiet; L-Għadbiera; Is-Siġar tal-Virgi | Chaste Tree; Virgin Bush. | 10,000 | 50,000 | 5,000 | 30,000 |

ii) fil-każ tal-ewwel reat relatat ma' siġar imkabbra b'mod ortikulturali elenkati fit-Tabella 1 tat-Taqsima A tal-Ewwel Skeda din il-multa għal kull speċi:

(a) mhux inqas minn elfejn u ħames mitt (€2,500) ewro imma mhux iżjed minn għoxrin elf (€20,000) ewro f'każ ta' qerda totali tas-siġra; jew

(b) mhux iżjed minn elf u mitejn u ħamsin (€1,250) ewro imma mhux iżjed minn sebgħa t'elef (€7,000) f'każ ta' reati oħrajn li ma jikkaġunawx qerda totali tas-siġra.

iii) fil-każ tal-ewwel reat relat ma' siġar li jinsabu f'Żona għall-Ħarsien tas-Siġar jew f'Ordni għall-Preservazzjoni tas-Siġar din il-multa għal kull speċi:

(a) mhux inqas minn ħames t'elef (€5,000) ewro imma mhux iżjed minn ħamsa u għoxrin (€25,000) elf ewro għall-qerda totali tas-siġra; jew

(b) mhux inqas minn elfejn (€2,000) ewro imma mhuz iżjed minn ħmistax –il elf (€15,000) ewro għal reati oħrajn li ma jikkaġunawx qerda totali tas-siġra.

iv) f'każ tal-ewwel reat relatat ma' siġar li jinsabu f'żona protetta li mhijiex Żona għall-Ħarsien tas-Siġar jew Ordni għall-Preservazzjoni tas-Siġar din il-multa għal kull speċi:

(a) mhux inqas minn erbgħa t'elef (€4,000) ewro imma mhux iżjed minn ħamsa u għoxrin (€25,000) elf ewro għall-qerda totali tas-siġra; jew

(b) mhux inqas minn elf mitejn u ħamsin (€1,250) ewro imma mhuz iżjed minn għaxar t'elef (€10,000) ewro għal reati oħrajn li ma jikkaġunawx qerda totali tas-siġra.

v) f'każ tal-ewwel reat relatat ma' siġra li għandha iżjed minn ħamsin (50) sena u li tinsab f'Area ta' Konservazzjoni Urbana (UCA) din il-multa għal kull speċi:

(a) mhux inqas minn elf u ħames mitt (€1,500) ewro imma mhux iżjed minn ħamsa u għoxrin (€25,000) elf ewro għall-qerda totali tas-siġra; jew
(b) mhux inqas minn ħames mitt (€500) ewro imma mhuz iżjed minn elfejn u ħames mitt (€2,500) ewro għal reati oħrajn li ma jikkaġunawx qerda totali tas-siġra.

vi) f'każ tal-ewwel reat relatat ma' siġra li għandha iżjed minn ħamsin (50) sena jew li hija elenkata fit-Tabella 2 tat-Taqsima A tal-Ewwel Skeda, u tinsab barra miż-żona tal-iżvilupp (ODŻ) din il-multa għal kull speċi:

(a) mhux inqas minn elf u ħames mitt (€1,500) ewro imma mhux iżjed minn ħamsa u għoxrin (€25,000) elf ewro għall-qerda totali tas-siġra; jew
(b) mhux inqas minn ħames mitt (€500) ewro imma mhuz iżjed minn elfejn u ħames mitt (€2,500) ewro għal reati oħrajn li ma jikkaġunawx qerda totali tas-siġra.

vii) f'każ tal-ewwel reat relatat ma' siġra li għandha iżjed minn ħamsin (50) sena jew li hija elenkata fit-Tabella 2 tat-Taqsima A tal-Ewwel Skeda, u tinsab f'żoni ħodor, u enklavi naturali jew rurali/ħodor fiż-żona urbana (żona ta' żvilupp) jew fi spazji miftuħa pubbliċi u urbani din il-multa għal kull speċi:

(a) mhux inqas minn elf mitejn u ħamsin (€1,250) ewro imma mhux iżjed minn għoxrin elf (€20,000) ewro għall-qerda totali tas-siġra; jew
(b) mhux inqas minn erbgħa mitt (€400) ewro imma mhuz iżjed minn elfejn (€2,000) ewro għal reati oħrajn li ma jikkaġunawx qerda totali tas-siġra.

viii) f'każ tal-ewwel reat relatat ma' reat kontra it-Tielet Parti jew ir-regolament 19, multa ta' mhux inqas minn mitejn u ħamsin (€250) ewro imma mhux iżjed minn elfejn u ħames mitt (€2,500) ewro għal kull speċi.

ix) f'każ tat-tieni reat jew ta' reat sussegwenti, il-penali indikati fil-paragrafi preċedenti għandhom ikunu miżjuda b'25% jew għal priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

x) f'każ tal-ewwel reat kontra r-regolament 20(2) multa addizzjonali ta' mitt (€100) ewro kull speċi affetwata, u multa ta' sitt mitt (€600) ewro kull siġra f'każ tat-tieni reat jew reat sussegwenti.